**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Illum it-28 ta' Settembru 2021**

**Kaz. Nru; 181-62**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Bonnici**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Carmelo Bonnici** bin Giuseppe u Vincenza xebba Zammit, imwieled Zejtun nhar it-3 ta' Jannar 1956 residenti gewwa 29, Carkate, Triq il-Falkunier, Zejtun u detentur tal-karta tal-identia' bin-numru 43256M, akkuzat talli;

1. Nhar l-24 ta' Marzu 2018 ghal habta ta' 12:00hrs fl-inhawi ta' Delimara limiti ta' Marsaxlokk u f'dawn il-gzejjer waqt stagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn il-rregolamenti, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha u dan bi ksur tar-Regolament 4 (1)(a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza xi gass jew apparat elettriku jew elettroniku u cioe tisfir irrekordjat minn qabel tal-ghasafar u dan bi ksur tar-Regolament 7 (1)(d) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti u dan bi ksur ta' Regolament 7 (1)(i) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ha jew ipprova jiehu b'xi mezz, xi ghasfur u dan bi ksur tar-Regolament 18 (1)(c) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xiehda;

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-prosekuzzjoni ressqet tlett xhieda principali Fiona Burrows; Casey Grech u PC1380. **Fiona Burrows** xehdet li waqt li kienet qed tkellem lill-pulizija fuq rapport iehor li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-proceduri odjerni, hija ndikathielhom id-direzzjoni minn fejn kienet qed tisma' *bird caller.* Hija kkonferat li hi fl-ebda hin ma rat lil Carmelo Bonnici jonsob u ghaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni li targhfu. **Casey Grech** xehdet in rapprezentanza ta' WBRU fejn ikkoknfermat li fil-perjodu mertu tal-imputazzjonijiet odjerni ma setghax isir insib galadarba l-awtoritajiet ma kienux hargu deroga ghall-insib. Min-naha l-ohra **PC1380** permexx t'affidavit iddikjara bil-gurament li wara li Fiona Burrows kienet indikatielhom li qed tisma' *bird caller*, huma marru jaghmlu spezzjoni fid-direzzjoni ta fejn kienet indikatielhom u hemmhekk huma sabu *electronic bird caller* mixghul. Hdejh kien hemm nassab (identifikat bhala l-*qua* imputat) go dura magenb mansab armat b'ghasfur wiehed.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu, l-qua imputat talab lill-Qorti <u>tordna l-isfilz</u> tal-affidavitipprezentat minn PC1380 E. Xuereb u dana galadarba isfel fid-dokument

fejn hemm il-konferma bil-gurament, l-istess affidavit jindika zewgt dati. L-ewwel data hi dik ittimbrata flimkien ma isem l-Ispettur li amministra l-gurament – 5 ta' Settembru 2019 filwaqt li t-tieni data jidher li hija *typed* – 21 ta' Awwissu 2019;

Illi fis-sottomissjonijiet tieghu l-abbli ufficjal prosekutur, li huwa l-istess spettur li amministra l-gurament lill-ufficjal li ghamel l-affidavit iddikjara li d-data *typed* hija data ta' meta l-ufficjal ikun ifformola d-dokument, filwaqt li data ttimbrata hija d-data ta' meta l-ufficjal in kwistjoni jkun ikkonferma bil-gurament il-kontenut tad-dokument. Ghaldaqstant l-ufficjal prosekutur iddikjara li data li fiha dan id-dokument gie ikkonfermat bil-gurament hija l-5 ta' Settembru 2019;

Illi in oltre l-abbli difensur issottometta ukoll li PC1380 ma jidhirx li kien informa lis-suspettat bid-drittijiet tieghu waqt li kienu fuq is-sit.

<u>Affidavit</u>:

Dina l-Qorti qabel xejn ser tanalizza jekk l-affidavit maghmul minn PC1380 huwiex validu skond il-ligi u ghaldaqstant jekk ghandhux jigi sfilzat jew altrimenti. L-Qorti tinnota li l-affidavit in kwistjoni u cioe' l-affidavit ta' PC1380 E. Xuereb gie ipprezentat mill-prosekuzzjoni bhala prova fl-iter tal-proceduri odjerni fit-termini ta' l-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali. Skond dan l-artikolu:

> "*… jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lilu kif hawn aktar qabel imsemmi huwa ghandu mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika tal-imputat b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata u malli dan, il-persuna li jrid isirilha l-kontro-ezami ghandha titharrek biex tixhed fil-proceduri.*"

Il-proviso ghas-subartikolu 360A(1) jistipula ukoll:

> "*Izda wkoll meta jirrizulta li ma kienx possibli ghall-imputat li jaghti avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija fiz-zmien provdut kif imsemmi qabel, dak l-avviz li huwa jkun jixtieq jaghmel il-kontro-ezami jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika tal-affidavit, f'liema kaz il-persuna li ghandu jsirilha l-kontro-ezami ghandha titharrek biex tixhed fis-seduta li jkun imiss*".

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-qua imputat ressaq talba ghall-kontro-ezami ta' PC 1380 E. Xuereb skond id-disposizzjonijiet hawn fuq imsemmija. Ghaldaqstant id-disposizzjoni tas-subartikolu 360A(2) tal-Kodici Kriminali hija applikabbli ghall-kaz odjern. Din id-disposizzjoni tistipula:

*"Il-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat kif provdut fis-subartikolu (1)* ***<u>ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkuzat jonqos milli jaghti avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu f'dawk il-proceduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza tal-akkuzat</u>***" (sottolinear ta' dina l-Qorti).

Fil-kaz in ezami, hekk kif inghad iktar 'il fuq, ma jirrizultax li l-qua imputat, Carmelo Bonnici, ghamel talba biex jitharrek in kontro-ezami l-imsemmi PC1380 Xuereb. Ghaldaqstant, a tenur tas-subartikolu 360A(2) tal-Kodici Kriminali (hawn fuq citat), l-istess affidavit ta' PC1380 "*…ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xhieda tal-kontenut tieghu…"* u dana "*... bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza tal-qua imputat*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Galea** mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Frar 2006 gie iddikjarat:

*"Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-prosekuzzjoni pproduciet ix-xiehda bl-affidavit ta' P.C. 1391 Ian Grech. Dan sar a tenur tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 360A tal-Kodici Kriminali. Skond dak is-subartikolu wkoll, jekk l-akkuzat ikun irid jaghmel kontro-ezami lil xi persuna li kellha l-affidavit notifikat lilu, huwa ghandu, mhux aktar tard minn hmistax-il gurnata qabel l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit, javza b'dan lill-Kummissarju tal-Pulizija b'ittra registrata. Skond it-tieni proviso ta' dan is-subartikolu, meta jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti tali avviz fiz-zmien provdut, dak l-avviz jista' jinghata matul l-ewwel seduta li tigi minnufih wara n-notifika ta' l-affidavit. Is-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 360A tal-Kodici Kriminali mbaghad jipprovdi hekk: "Il-persuna li kellha l-affidavit taghha notifikat lill-akkuzat kif provdut fis-subartikolu (1) ma ghandhiex titharrek biex tixhed fil-proceduri jekk l-akkuzat jonqos milli jaghti avviz tal-hsieb tieghu li jaghmel kontro-ezami lil dik il-persuna kif provdut f'dak is-subartikolu u dak l-affidavit ghandu jkun* ***<u>ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut tieghu f'dawk il-proceduri bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza ta' l-akkuzat</u>****" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Jirrizulta li l-appellant la ghamel talba biex jitharrek in kontro-ezami l-imsemmi P.C. 1391 Ian Grech qabel is-seduta li giet minnufih wara n-notifika lilu ta' l-affidavit u lanqas waqt l-imsemmija seduta. Ghalhekk, a tenur ta' l-artikolu (2) tas-subartikolu 360A tal-Kodici Kriminali l-affidavit ta' P.C. 1391 "ghandu jkun ammissibbli bhala prova b'xiehda tal-kontenut*

*tieghu ... bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza" ta' l-appellant".*[1]

Dan l-insenjament gie ukoll ikkonfermat fis-sentenzi mghotija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: **Il-Pulizija vs. Clayton Galea** (20 ta' Gunju 2006) u **Il-Pulizija vs. Anthony Mallia** (2 ta' Marzu 2021).

Illi fid-dawl tad-disposizzjoni legali hawn fuq imsemmija u l-gurisprudenza rigwardanti l-istess dina l-Qorti ma tara l-ebda raguni fondata fil-ligi l-ghaliex ghandha tisfilza l-affidavit ipprezentat minn PC1380 hekk kif mitlub u ser titratta dak iddikjarat fl-affidavit daqslikieku kien "*xiehda moghtija viva voce fil-prezenza tal-qua imputat*".

Data tal-Affidavit:

Illi fir-rigward tad-dati indikati fl-ahhar ta' kull faccata tal-affidavit dina l-Qorti tirrileva li l-bran relattiv jaqra: "Konfermata bil-gurament quddiemi wara li vverifikajt l-identita' tieghu". Dina id-dikjarazzjoni issegwi bit-timbru tal-Ispettur Elliott Magro datat 5 ta' Settembru 2019. Fuq l-istess timbru hemm il-firma originali ta' l-istess Spettur Elliott Magro. Taht it-timbru hemm il-kliem "Kummissarju b'setgha li jaghti l-gurament". Taht dan il-kliem, *typed,* hemm il-kliem "Data: 21 t'Awwissu 2019" u tahtha "Lok: Kwartieri tal-A.L.E, Furjana, Malta". L-abbli avukat difensur jissottometti li fid-dawl tad-diskrepanza fid-dati, l-affidavit ghandu jigi sfilzat. L-abbli prosekutur min-naha tieghu jissottomenti li data u lok *typed* huma id-data u lok ta' fejn inkiteb id-dokument filwaqt li d-data fuq it-timbru tieghu hija d-data ta' meta l-affidavit gie kkonfermat bil-gurament.

Il-Qorti tibda billi tirrileva li data ta' meta gie kkonfermat bil-gurament id-dokument mhejji minn PC1380 ma jbiddel xejn mis-sostanza tal-fatti hekk kif ikkonstatati, deskritti u <u>gguramentati</u> fl-affidavit mill-istess Kuntistabbli. Dan l-istess bhal meta xhud jixhed viva voce bil-gurament[2]. Mhux importanti d-data li fiha jixhed izda li huwa importanti hu li jixhed taht gurament. Bl-istess mod, dina l-Qorti hija tal-fehma li dak li huwa importanti fil-kaz in ezami huwa li l-Qorti tkun konvinta li l-verzjoni mghotija minn PC1380 hija wahda kkonfermata bil-gurament hekk kif kif trid il-ligi;

Wara li dina l-Qorti hadet konjizzjoni tal-imsemmi affidavit, hija tal-fehma li ma jezisti l-ebda dubbju li l-kontenut ta' dan l-istess affidavit (inkluz il-fatti hemm deskritti) gie effettivament kkonfermat bil-gurament skond il-ligi quddiem l-

[1] Fol. 2-3 mis-sentenza "Il-Pulizija vs. John Galea" mghotija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Frar 2006

[2] Galadarba, a tenur ta' l-artikolu 360A(2) tal-Kodici Kriminali l-affidavit ghandu jigi kkunsidrat "*bl-istess mod bhallikieku kien xiehda moghtija viva voce fil-prezenza tal-qua imputat*".

Ispettur Elliott Magro, fil-kapacita' tieghu ta' Kummissarju b'setgha li jaghti gurament. Dan jirrizulta mill-firma u t-timbru tal-ispettur Magro li amministra l-gurament. Fil-fatt id-difiza fl-ebda hin ma kkontestat il-fatt li l-kontenut tal-affidavit gie effettivament ikkonfermat bil-gurament.

In oltre fil-fehma ta dina l-Qorti huwa evidenti ukoll li dan id-dokument gie mahluf quddiem l-Ispettur Elliott Magro, fil-kapacita' tieghu hekk kif hawn fuq inghad, nhar il-5 ta' Settembru 2019 u dana hekk kif ikkonfermat mill-istess timbru (b'ismu u data) u l-firma tieghu stess fuq l-istess timbru. Il-fatt li hemm data ohra ndikata fl-istess affidavit ma jnaqqas xejn mill-formalita' tal-gurament (li fiha nnifisha bhala formula tal-gurament ma taghmel l-ebda referenza ghad-data).

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet kollha suesposti dina l-Qorti ma tara l-ebda raguni l-ghaliex ghandha tiskarta l-verzjoni tal-fatti mghotija minn PC1380 Edward Xuereb fl-affidavit tieghu;

<u>Drittijiet tas-Suspettat:</u>

Ghal kull bon fini dina l-Qorti taghmel referenza ghal-verbal tas-seduta tal-14 ta' Settembru 2021 fejn jirrizulta li d-difiza s-sottolineat li minn imkien mill-affidavit ma jirrizulta li l-imputat nghata drittijiet tieghu skond il-ligi ta' suspettatt. Il-prosekuzzjoni tikkonferma dan izda tispjega li dan ma sarx galadarba fl-affidavit ma hemm l-ebda referenza ghal xi verzjoni li setgha ta l-imputat fuq is-sit tal-ispezzjoni. Minn ezami tal-imsemmi affidavit l-Qorti tikkonferma li ma jidhirx li l-imputat gie mghoti drittijiet tieghu madanakollu lanqas ma jirrizulta li l-istess affidavit jaghmel referenza ghal xi verzjoni li setgha ta' l-imputat ghaldaqstant dina l-Qorti ma jirrizultalhiex li hemm xi partijiet minn dan l-affidavit li ghandhom jigu skartati jew sfilzati.

Fid-dawl ta' dan kif ukoll fid-dawl tal-assjem tal-provi migjuba quddiemha dina l-Qorti ma tarax raguni l-ghalxiex ma ghandhiex tistrieh fuq dak li fattwalment kkonstata l-imsemmi kuntistabbli PC1380 Edward Xuereb fuq is-sit in kwistjoni hekk kif deskritt minnu fl-imsemmi affidavit.

<u>L-ewwel u l-hames imputazzjoni</u>

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li fil-perjodu mertu tal-imputazzjonijiet odjerni ma nharget l-ebda deroga ghall-insib u ghaldaqstant dan ma kienx permess. Ix-xhud Fiona Burrows ikkonfermat li rrapurtat lill-pulizija li kienet semghet *bird caller* u ndikat l-inhawi ta' fejn kienet semghetu. Tikkonferma li hija lill-imputat odjern ma ratux jonsob. Il-prova principali tal-prosekuzzjoni tistrieh fuq l-affidavit ta' PC1380 Edward Xuereb. Dan ix-xhud jikkonferma li dakinhar kien qed jaghmel ronda flimkien ma PS1141 N Tanti fl-inhawi tal-limiti

ta' Delimara, Marsaxlokk. Ikkonferma li kien waqaf jitkellem ma Fiona Burrows fuq rapport iehor meta hi infurmathom id-direzzjoni ta' minn fejn kienet qed tisma' *bird caller*. PC1380 jiddikjara li huwa mar fid-direzzjoni li ndikat Fiona Burrows fejn sabu *bird caller* mixghul u hdejh kien hemm nassab (identifikat bhala l-*qua* imputat) go dura ta' mansab armat b'ghasfur wiehed.

Il-prosekuzzjoni fl-ebda hin ma prezentat bhala evidenza x-xibka tal-mansab u lanqas il-*bird caller.* Dana, minkejja, li ssir referenza ghalihom fl-Affidavit ta' PC1380 Edward Xuereb fejn iddikjara "Wara li s-Sur Bonnici zarma l-mansab, PS1141 ikkonfiska ix-xbieki tal-mansab, ghasfur wiehed (gojjin), u kif ukoll 'Bird Caller' bir-*remote* tieghu kontra ircevuta bin-numru 0004479." Il-Qorti tinnota ukoll li l-prosekuzzjoni lanqas gabet il-quddiem lil PS1141 bhala xhud f'dawn il-proceduri.

Illi l-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jistipula:

> (1)Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li xiehda tieghu tkun important.
>
> (2) B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewgt xhieda jew aktar.

Illi dina l-Qorti ma tarax il-ghaliex ma ghandiex tistrieh fuq il-verzjoni tal-fatti hekk kif mghotija minn PC1380 Edward Xuereb. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra jekk dak deskritt mill-imsemmi xhud jissodisfax l-elementi tal-ligi ghar-reati fit-termini tar-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

**Regolament 4**

> *4.(1) Kull speċi ta' għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b'mod naturali hija protetta. Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 5, 8 u 9, ebda persuna m'għandha:*
>
> *(a) tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja,* ***tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur***[3] *li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha;*

[3] Emfazi ta' dina l-Qorti.

**Regolament 18**

*18(1) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9, l-ebda persuna m'għandha:*

*(ċ) waqt l-istaġun magħluq għat-teħid ta' għasafar kif jista' jiġi permess skond dawn ir-regolamenti, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur;*

Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-abbli difensur jissottometti li mill-verzjoni mghotija minn PC1380 ma jirrizultax li kien hemm l-element ta' <u>*active trapping*</u> u dana hekk kif mitlub mill-kazistika fosthom: <u>**Il-Pulizija vs. John Vella[4]; Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele[5]; u Il-Pulizija vs. Karol Spiteri**</u>[6].

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Matthew Degabriele** u **Il-Pulizija vs. Karol Spiteri**, l-Qorti ta' l-Appell Kriminali ddikjarat:

*7. Ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni kienet ċerta Fiona Burrows. Hi xehdet li fis-27 ta' Lulju 2012 kienet qed taħdem mal-BirdLife u għall-ħabta tat-3.10 p.m., hi u żewġ voluntiera nnutaw li kien hemm "an active trapping site" ħdejn Marsaxlokk viċin il-fabbrika tan-nar taż-Zejtun. Qalet li kien hemm bird-callers elettroniċi li setgħu jisimgħu. Minn teleskopju setgħu jaraw li kien hemm xbieki ma' l-art. Skond ix-xhud, in-nies li kien hemm fuq is-sit rawhom u bdew jippakkjaw kollox, ineħħu l-ixbieki, jgħattu l-gaġeġ bl-għasafar, idaħħlu għasafar ġewwa. Hija ċemplet il-Pulizija li, pero`, waslu wara li kienu tneħħew l-ixbieki. Mistoqsija jekk rathomx jaqbdu għasafar, ix-xhud wieġbet li le iżda osservaw speċje waħda protetta tiddaħħal fid-dura. Qalet ukoll: "I saw the man actually setting the nets."*

*8. Din il-Qorti eżaminat id-dvd esebit u li jikkontjeni numru ta' videos u ritratti ta' dak allegatament osservat mill-membri tal-BirdLife. Mill-video footage ma jidher ħadd "setting the nets". Quddiem l-ewwel Qorti ġie ppreżentat rapport tal-BirdLife Malta. Minn dan ir-rapport u kif anke kkonfermat Fiona Burrows stess, huma waslu fuq il-post għall-ħabta tat-3.10 p.m. Skond l-imsemmi rapport, żewġ minuti wara, wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit beda jdaħħal affarijiet fid-dura. Fil-fatt mill-video footage jidhru dawn l-irġiel idaħħlu xi affarijiet mhux identifikabbli kif*

[4] Mghotija nhar is-16 ta' Jannar 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hekk kif preseduta mill-Onor. Magistrat Dr. Joseph Mifsud (Numru 401/2018).

[5] Mghotija nhar it-13 ta' Jannar 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna (App. Nru. 430/13 DS)

[6] Mghotija nhar it-13 ta' Jannar 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali hekk kif preseduta mill-Onor. Imhallef David Scicluna (App. Nru. 432/13 DS)

*ukoll xi xbieki. Jekk dawn bdew idaħħlu l-affarijiet għax raw lill-membri tal-BirdLife jew għal xi raġuni oħra ma jistax jiġi determinat. Ħin minnhom xi ħadd jinstema' jesklama (leħen ta' raġel) li wieħed mill-irġiel kien qiegħed idaħħal wader u li dan kien mejjet. Fir-rapport ġie ndikat li dan kien Nimrod Mifsud (mhux Fiona Burrows), u li dan seta' jixhed fil-Qorti, iżda dan ix-xhud ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi min jonsob, jaqbad l-għasafar ħajjin. Ta'min jgħid ukoll illi, għalkemm ix-xhud qalet li setgħu jinstemgħu electronic bird callers, minn dan ma jissemma xejn fir-rapport, u fil-filmati ma jinstema' xejn.*

*9. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lil Fiona Burrows li l-appellat kien wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit nhar-is 27 ta' Lulju 2012. Iżda m'hemm l-ebda prova li kien qiegħed isir active trapping.*

Illi mill-qari ta' dan il-bran jirrizulta li wara li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali analizzat id-DVD ma kienx irrizultalha li kien hemm elementi sabiex ikun hemm l-*active trapping* galadarba mill-filmat kullma kien jirrizulta kienu persuni jdahhlu l-affarijiet fid-dura.

Illi b'referenza ghall-element 'tiehu jew tipprova tiehu xi ghasfur', il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cini** mghotija fil-15 ta' Lulju 2005 kienet iddikjarat is-segwenti:

*Dwar it-tieni aggravju din il-Qorti tosserva li l-espressjoni "jipprova jiehu" ghasfur (f'dan il-kaz, "finch" ta' l-ispecji carduelis spinus (ekru) fil-periodu li fih jista' jsir insib ghal dawn l-ghasafar) meta l-persuna in kwistjoni jew ma jkollhiex licenzja ghal dan il-fini (regolament 10(1), A.L. 146/1993) jew meta ma jkollhiex fuqha l-identifikazzjoni jew il-licenzja mehtiega (regolament 7(b) tal-istess Avviz Legali)* ***ma tirriferix ghan-nozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Kriminali***[7] *(ara f'dan is-sens ukoll Il-Pulizija v. Joseph Vella Appell Kriminali, 1 ta' Settembru 1995).* ***Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed tipprova tiehu tali ghasfur li jkollha lest apparat bizzejjed u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, tkun tista' taqbdu bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib, dik il-persuna tkun qed "tipprova tiehu"***[8].

[7] Emfazi ta' dina l-Qorti.
[8] Emfazi ta' dina l-Qorti.

Illi dan gie ukoll ikkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Paul Grech et</u>**[9]**<u>:</u>**

> Issa, kif gie aktar minn darba ritenut minn din ilQorti, l-espressjoni “tipprova tiehu” fil-kuntest tarregolamenti dwar il-kacca u l-insib, ma tirreferix ghannozzjoni tat-tentattiv fil-Kodici Krminali. Huwa bizzejjed biex persuna tkun qed “tipprova tiehu” ghasfur li hija jkollha lest l-apparat mehtieg u tkun qed tistenna biex, appena jitfacca l-ghasfur, dan ikun jista’ jigi attirat biex jinqabad bix-xbiek. Fi kliem iehor, anke jekk ma jitfacca ebda ghasfur papabbli ghan-nasba, izda jkun hemm apparat sufficjenti ghall-insib – u f’dan il-kaz, ghall-insib ta’ speci partikolari ta’ ghasfur, cioe` pluviera – dik il-persuna tkun qed “tipprova tiehu”.

Illi in vista ta’ dan l-insenjament dina l-Qorti hija tal-fehma li mid-deskrizzjoni ta’ dak li ra PC1380 jirrizulta li l-qua imputat kien ‘qed jipprova jiehu ghasfur’ fit-termini tar-regolamenti 4(1)(a) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Dana galadarba l-qua imputat gie osservat ghassa ma mansab attivament armat ghall-insib b’ghasfur kif ukoll b’*electronic bird caller* mixghul.

Illi hekk kif gia nghad, mix-xiehda prodotta mill-prosekuzzjoni jirrizulta ukoll li fil-perjodu indikat fl-imputazzjonijiet odjerni ma nharget l-ebda deroga ghall-insib u ghaldaqstant jirrizulta pruvat li l-qua imputat ha jew ipprova jiehu ghasafar waqt stagun maghluq. Ghaldaqstant il-hames imputazzjoni tirrizulta pruvata skond il-ligi. In oltre galadarba l-istagun ghall-insib kien maghluq bil-konsegwenza li ma kienet permessa l-ebda attivita ta’ insib fuq kull speci ta’ ghasfur, kif ukoll tenut kont li fit-termini tal-imsemmi r-regolament 4(1)(a) stess “*Kull speċi ta’ għasfur li jinsabu fis-selvaġġ b’mod naturali hija protett*” jirrizulta ukoll pruvat il-ksur tar-regolament 4(1)(a) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

<u>It-tieni, it-tielet u r-raba` imputazzjonijiet</u>

Illi mill-affidavit ta’ PC1380 jirrizulta pruvat ukoll li waqt li l-imputat kien qed jipprova jonsob huwa kellu mansab armat b’gojjin kif ukoll li fl-istess mansab kien fil-pussess u uza *electronic bird caller*. Ghaldaqstant fil-fehma ta’ dina l-Qorti jirrizultaw pruvati it-tieni, it-tielet u r-raba’ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

<u>Piena</u>

Illi ai fini ta’ piena dina l-Qorti ikkunsidrat l-eta` tal-qua imputat; il-fedina penali tieghu, u n-natura u c-cirkostanzi tar-reati dedotti fil-konfront tieghu.

[9] Mghotija fil-25 ta’ Awwissu 2008

Decide

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(1)(a); 7(1)(d); 7(1)(i); 7(2) u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed issib lil qua imputat, Carmelo Bonnici, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u  konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 2000. Fin-nuqqas ta' hlas tal-imsemmija multa dina tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini ta' l-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

In oltre, il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur